**Stqarrija Ministerjali**

Sur President, nixtieq naġġorna lil din il-Kamra dwar is-sensiela ta' impenji li kelli fi New York, fl-Istati Uniti, bejn il-21 u s-26 ta' Settembru, fl-isfond tal-81 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Kienet żjara b'aġenda mifruxa fuq diversi oqsma, mill-politika barranija u s-sigurtà internazzjonali, għat-tibdil fil-klima, it-teknoloġija, l-investiment u l-konnettività ta' pajjiżna. Kien hemm temi oħrajn, però semmejt dawk saljenti.

L-ewwel appuntament kien proprju laqgħa mal-komunità Maltija u Għawdxija f'Astoria, New York. Din hija xi ħaġa li nagħmluha ta' kull sena u hija waħda mill-isbaħ laqgħat li kellna fil-jiem li għamilna hemmhekk. Tieħu tant u tant pjaċir tara Għawdxin u Maltin illi minkejja li ilhom snin li telqu minn pajjiżna, jibqgħu jżuru lil xtutna b'mod regolari u jżommu ħajja l-identità Maltija. Flimkien ma' marti Lydia, kelli l-opportunità niltaqa' ma' tant u tant familji u fid-diskors qasir li għamilt, irringrazzjajthom talli żammew ħajja l-aktar ħaġa li fil-fehma tiegħi hija importanti, it-tisħiħ tal-identità Maltija. Kienet ukoll opportunità biex nisimgħu mingħandhom diversi esperjenzi. Irringrazzjajthom ukoll tal-mod tant kordjali illi laqgħuna bih u nħares 'il quddiem li jkun hemm aktar opportunitajiet li niltaqgħu magħhom.

Tkellimna fuq punt partikolari u kollha semmew ħaġa waħda illi biddlet ħajjithom b'mod sostanzjali. Kif għedt, ħafna minnhom, jekk mhux kollha kemm huma, kull tant żmien jiġu lejn pajjiżna u kollha jgħidulek kif it-titjira diretta tad-Delta Air Lines bejn New York

u Malta, kif ukoll bejn Malta u New York, biddlet u ffaċilitat ħafna il-mod ta' kif jagħmlu dan it-traġitt, uħud minnhom ta' kull sena.

Din it-tema tal-konnettività miżjuda kienet ukoll tema li tħaddidt u ltqajt dwarha b'mod speċifiku mad-Delta Air Lines aktar tard fiż-żjara tagħna u se nkun qed nikkummenta dwarha f'dan l-indirizz tiegħi.

Wara dik l-ewwel laqgħa, li saret kif inżilna fi New York, it-Tlieta filgħodu attendejt għall-ftuħ tad-Dibattitu Ġenerali tal-81 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali, fejn bħal kull sena, mexxejja minn madwar id-dinja ninġabru sabiex niddiskutu l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-komunità internazzjonali. Kont preżenti għal dan il-ftuħ flimkien mad-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Ian Borg u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej Chris Fearne.

Naturalment, u kif antiċipat, id-diskussjonijiet kienu dominati mill-kunflitti internazzjonali li għaddejjin bħalissa u mill-ħtieġa li l-komunità internazzjonali tkompli taħdem favur soluzzjonijiet politiċi, favur il-paċi u favur ir-rispett u ż-żamma tad-dritt internazzjonali, sfortunatament f'kuntest fejn id-dritt internazzjonali kkollassa. F'dan il-kuntest il-pożizzjoni li Malta kompliet twassal kienet waħda konsistenti: aħna nemmnu fid-djalogu, aħna nemmnu fil-paċi, aħna nemmnu fil-multilateraliżmu u f'sistema internazzjonali mibnija fuq ir-regolamenti u l-liġijiet.

Dan jgħodd kemm fir-rigward tal-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja, fejn Malta tibqa' tisħaq fuq ir-rispett lejn is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, wara l-attakk inġust li sofriet fi Frar tal-2022, kif ukoll fir-rigward ta' dak li qed jiġri fil-Lvant Nofsani,

fejn nibqgħu nappoġġjaw it-triq lejn paċi ġusta u dejjiema bbażata fuq it-two-state solution. Din kienet ukoll il-linja li kompliet tiggwida diversi mill-impenji li kelli tul il-jiem ta' wara.

Sur President, dakinhar stess attendejt ukoll għall-Concordia Annual Summit, fejn kelli l-opportunità nindirizza udjenza internazzjonali dwar it-tkabbir ekonomiku, il-kummerċ u l-bżonn li l-ekonomiji tagħna jibqgħu miftuħa, reżiljenti u kapaċi joħolqu opportunitajiet reali għan-nies.

Nixtieq nirrimarka dwar in-numru ta' laqgħat li kelli wara d-diskors tiegħi, fejn tant u tant investituri jafu sew lil pajjiżna, jafu sew x'joffri u tara kemm verament pajjiżna, minkejja d-daqs relattivament ċkejken tiegħu, huwa rispettat fix-xena internazzjonali. Ħafna minnhom jirrimarkaw dwar kif l-ekonomija tagħna rnexxielha tevolvi f'dawn l-aħħar snin. Ħafna minnhom jaraw lil Malta bħala post fejn jistgħu jixħtu l-investiment dirett tagħhom. Dik kienet esperjenza li verament ħadt pjaċir li nisma'.

Fid-diskors tiegħi tkellimt ukoll bħala l-mexxej tal-iżgħar stat membru tal-Unjoni Ewropea, li għandna ekonomija li parti sostanzjali minnha tiddependi mill-kummerċ internazzjonali u ċertament illi għalina l-konnettività tibqa' kruċjali, kemm il-konnettività bl-ajru imma daqstant ieħor hija importanti l-konnettività bil-baħar. Spjegajt ukoll id-direzzjoni ekonomika ta' pajjiżna għas-snin li ġejjin, b'enfasi dejjem fuq l-investiment li jixħet valur miżjud fl-ekonomija tagħna. Tħaddidt dwar il-produttività, il-ħiliet u l-kwalità tal-ħajja. Naturalment, dawn huma kollha prijoritajiet għal pajjiżna.

Imbagħad f'laqgħa ta' livell għoli li kelli dakinhar ukoll, imsejħa minn Franza, Spanja u l-Kenja dwar id-drittijiet tat-tfal fl-era tal-intelliġenza artifiċjali, id-diskussjoni ffokat fuq l-opportunitajiet kbar kif ukoll l-isfidi li ġġib magħha t-teknoloġija, iżda wkoll fuq ir-responsabbiltà li għandna biex niżguraw li l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali jibqa' sigur, affidabbli u ċċentrat fuq il-bniedem. Dan huwa partikolarment importanti fejn jidħlu t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, li qed jikbru f'realtà teknoloġika li qed tinbidel b'pass mgħaġġel ħafna. Dak il-punt indirizzajtu wkoll fid-diskors li għamilt fl-Assemblea Ġenerali, imma dwar dak se nitkellem fl-aħħar parti ta' din l-istqarrija.

Attendejt ukoll għal-laqgħa *The Road Ahead: One Year After the New York Declaration and the Comprehensive 20-point Peace Plan*, fejn parti sostanzjali mid-diskussjoni kienet dwar il-qagħda fil-Lvant Nofsani.

L-għada, Sur President, ħadt sehem ukoll fis-Sitt Summit tal-International Crimea Platform. F'dan is-summit għamilna diskors ħafna mill-mexxejja tal-Unjoni Ewropea u anke mexxejja ta' istituzzjonijiet Ewropej. Hemmhekk tennejt l-appoġġ ta' Malta lejn is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Kien hemm preżenti wkoll il-President Zelensky, li ppresieda dan is-summit, u tħaddidt ukoll dwar ir-rispett lejn il-prinċipji taċ-Charter tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Iddiskutejna wkoll is-sitwazzjoni fit-territorji okkupati u l-effett tal-gwerra fuq il-popolazzjoni ċivili, inkluż it-tfal. Rajna d-drone attack li kien hemm f'dawn l-aħħar sigħat li jixxukkjak u jurik ir-realtà kerha ħafna ta' bħalissa. Għalhekk, nerġa' ngħid li l-pożizzjoni tagħna tibqa' li l-liġi internazzjonali għandha tiġi rispettata u li kull proċess lejn il-paċi għandu jkun wieħed ġust u sostenibbli. Biss però, minkejja dak li smajna u

l-pożizzjonijiet konfliġġenti, il-prospetti ta' din il-paċi dejjiema ma jidhirx li huma wara l-bieb.

Tema oħra li ddominat id-diskussjonijiet kienet dwar iż-żieda fil-livell tal-baħar. Din hija diskussjoni tematika ħafna għalina u tgħaqqad mas-suġġett tal-bidla fil-klima, anzi hija parti intrinsika minnu. Din hija tema importanti għaliex aħna gżira, milquta bl-insularità, gżira ċkejkna mdawra naturalment bil-baħar, u għalina hija kwistjoni eżistenzjali. U f'laqgħa importanti ġewwa l-binja tan-Nazzjonijiet Uniti enfasizzajt li ż-żieda fil-livell tal-baħar m'għandhiex twassal biex l-istati jitilfu l-istatus tagħhom, fosthom l-iSmall Island Developing States (SIDS), jew id-drittijiet jew is-sovranità tagħhom. Fakkart ukoll fil-kontribut storiku ta' pajjiżna biex il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima titpoġġa fuq l-aġenda internazzjonali.

Sur President, kelli wkoll il-laqgħa tas-soltu mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda, António Guterres. Dik kienet l-aħħar darba li ltqajna miegħu u ħadt l-opportunità biex nirringrazzjah tal-ħidma tiegħu tul dawn l-aħħar snin. Kellna ħafna ibħra mqallba, kellna l-kunflitti kollha immaġinabbli, b'pandemija magħhom u kriżijiet differenti u għalhekk ħadt l-opportunità biex nirringrazzjah tal-ħidma kbira li wettaq u għamiltu wkoll stedina biex fiż-żmien li ġej jikkonsidra li jiġi ġewwa pajjiżna, anke jekk ma jkunx għadu fil-kariga.

Matul din il-laqgħa ddiskutejna l-qagħda internazzjonali. Is-Segretarju Ġenerali kien preokkupat immens, bħalma aħna lkoll, dwar dak li qed jiġri. Tħadditna wkoll dwar ir-rwol li trid tkompli tassumi n-Nazzjonijiet Uniti fix-xhur li ġejjin u l-importanza ta' sistema multilaterali. Tennejt li Malta tibqa' sostenitur qawwi tan-Nazzjonijiet

Magħquda. Semmejt il-pożizzjoni li ħadna u s-siġġu importanti li kellna fi ħdan il-United Nations Security Council u nirringrazzja lid-Deputat Prim Ministru Ian Borg għall-mod kif mexxa dakinhar, bejn l-2023 u l-2024. Insemmi wkoll it-temi li għażilna u qabbadna dakinhar, fosthom dik tat-tfal fil-kunflitt armat, li tibqa' diskussjoni tematika ħafna. Insemmi wkoll ir-riżoluzzjonijiet tant importanti li rnexxielna nwasslu 'l quddiem dwar il-Lvant Nofsani u għalhekk Malta, f'dawk is-sentejn li okkupat siġġu tant prestiġjuż mhux permanenti, għamlet ukoll id-differenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet importanti. Dak dwar il-parti politika u ġeopolitika.

Dan is-summit ta' kull sena li jinżamm ġewwa New York ikollu dimensjoni daqstant ieħor importanti. Għandek il-laqgħat fil-qafas formali tan-Nazzjonijiet Uniti imma għandek ukoll il-laqgħat bilaterali u s-summits differenti li wieħed jattendi għalihom u jagħmel id-diskorsi tiegħu, kif għadni kif għedt. Hemmhekk, minbarra l-mexxejja tal-pajjiżi tista' tgħid kollha, ikollok ukoll stakeholders u persuni li ġejjin mid-dinja tal-kummerċ u li jmexxu entitajiet multinazzjonali u allura hemmhekk trid taħtaf l-opportunità biex minbarra li tiltaqa' ma' mexxejja counterpart tiegħek, tiltaqa' ma' kemm jista' jkun persuni mill-qasam tal-kummerċ.

Filwaqt li konna attivi ħafna fid-diskussjonijiet u l-laqgħat politiċi, daqstant ieħor konna attivi f'dawn it-tieni tip ta' laqgħat li rreferejt għalihom. Hemmhekk enfasizzajt fuq l-aktar punti li huma ta' importanza għal pajjiżna. L-ewwel waħda l-konnettività. Dwar din kellna laqgħa mad-Delta Air Lines, fejn iltqajt mal-Viċi President tagħhom. Irringrazzjajtu għall-mod kif irnexxielna nistabbilixxu din ir-rotta b'ħafna ħidma bejn JFK u Malta. Din bdiet topera f'Ġunju bi tliet titjiriet fil-ġimgħa u flimkien analizzajna l-prestazzjoni inizjali tar-rotta. Naturalment bdiet kemxejn bil-mod imma mbagħad il-

prestazzjoni litteralment splodiet 'il fuq, b'seat load factor medju ta' 84% sal-21 ta' Settembru. Din l-istatistika tikkonferma b'mod mill-aktar ċar id-domanda qawwija għal din il-konnessjoni diretta. Din il-konnessjoni mhijiex biss importanti għat-turiżmu iżda wkoll għan-negozju, għall-investiment u għall-komunità Maltija li semmejt aktar qabel. Wara dik il-laqgħa ninsab ottimist ferm li fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu nistgħu nħabbru uffiċjalment li r-rotta se tiġi mġedda għal sena oħra.

Flimkien mal-Ministru Silvio Schembri kelli wkoll laqgħa ma' rappreżentanti ta' BlackRock. Ftit għandi għalxiex noqgħod nagħmel introduzzjoni dwarhom. Ditta magħrufa illi tmexxi investiment ta' 15.3 triljun dollaru. Diffiċli biex tifhem kemm hija massiċċa dik is-somma. F'din il-laqgħa ddiskutejna l-ekonomija Maltija u nfakkar li diriġent għoli ta' BlackRock li ltqajna miegħu ġewwa New York, ftit tax-xhur ilu kien ġie Malta biex ikollu laqgħa bilaterali miegħi u allura komplejna d-diskussjoni ġewwa l-uffiċċju tiegħu fi New York. Tħadditna dwar l-ekonomija tagħna, dwar il-klima għall-investiment f'pajjiżna u l-ambizzjoni tagħna li nkomplu nattiraw investiment ta' kwalità. Iddiskutejna wkoll il-possibbiltà ta' investiment minn din il-kumpanija fl-infrastruttura ta' pajjiżna sabiex bħala pajjiż dejjem jibqa' miexi 'l quddiem.

Ninnota kif diriġenti li għandhom esperjenza vasta u fuq medda ta' snin f'kull settur iħarsu lejn pajjiżna. M'iniex qed ngħidha jien din. Il-mod kif dan l-iżgħar pajjiż fl-Unjoni Ewropea qiegħed iġib ruħu ekonomikament hija xi ħaġa li qed tattira l-attenzjoni ta' pajjiżi u entitajiet li huma kbar ħafna u għalhekk fiduċjuż illi minkejja l-kuntest ġeopolitiku diffiċli ta' bħalissa, bil-prestazzjoni b'saħħitha tal-ekonomija tagħna, Malta kapaċi minn dawn l-isfidi terġa' toħloq opportunitajiet kbar. Għalhekk, il-messaġġ ewlieni tiegħi fid-diversi temi li tkellimna dwarhom għand il-BlackRock kien li rridu

nibqgħu nkunu kompetittivi, ambizzjużi għal aktar investiment, u fl-istess ħin inkomplu ngħollu l-livell tal-attività ekonomika ġewwa pajjiżna.

Sur President, fi New York iltqajna ma' Għawdex ukoll. Apparti l-laqgħa li kellna ġo Astoria, fil-binja sabiħa li għandhom il-Maltin u Għawdxin ġewwa New York, kellna wkoll l-opportunità li nżuru r-ristorant Aqua Roma, fejn iltqajt mal-Executive Chef Għawdxi li huwa mill-Għarb. Huwa studja fl-ITS. Ma ħalliex iċ-ċokon tal-gżira li twieled fiha jxekkel l-ambizzjoni tiegħu, anzi raha bħala opportunità. Studja fl-ITS u għamel 12-il sena jistudja u jaħdem, imbagħad ġewwa l-Ingilterra ġietu l-opportunità u ħatafha. Kulħadd jaf għal min qed ngħid. Esperjenza sabiħa immens, fejn rajt kemm verament it-talent Malti u Għawdxi huwa wieħed uniku. U għalhekk l-importanza li nkomplu ninvestu fl-ITS għaliex il-kwalità tal-istudenti li ħarġu minn hemmhekk hija xi ħaġa li lili verament tolqotni. Insellimlu lil Giovann u nsellem ukoll lil ommu, li huma magħrufin sew fuq il-midja soċjali.

Sur President, niġi għad-diskors tiegħi fl-Assemblea Ġenerali. Nistqarr li ħassejt ħafna responsabbiltà fuqi waqt li kont qiegħed nabbozzah għaliex mid-diversi drabi li tkellimt ġewwa dik l-Assemblea Ġenerali, nistqarr li din kienet l-aktar darba li ħassejt li kien hemm piż fuq kull kelma li aħna nesprimu bħala mexxejja. Kollha segwejna xi ngħad tul id-diversi interventi. Kien hemm uħud mill-interventi li eskalaw sew fil-kontenut tagħhom, u anke fir-reazzjoni sussegwenti.

It-tema magħżula tal-Assemblea Ġenerali kienet '*Restoring Trust, Managing Transformation*' u proprju l-kwistjoni tal-fiduċja kienet fil-qalba tal-messaġġ li wassalt f'isem pajjiżna. Enfasizzajt fuq din it-tema f'diversi partijiet tad-diskors tiegħi. Tlaqt

ukoll mill-punt li waħda mill-akbar problemi li qed tiffaċċja l-komunità internazzjonali hija dik tat-telfien tal-fiduċja. Il-fiduċja li qed iddub bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, kif ukoll bejn il-pajjiżi, u din qegħdin narawha fl-Ewropa, fil-Golf Għarbi, fil-Lvant Nofsani, fl-Ukrajna u r-Russja kif ukoll lil hinn minnhom. Sħaqt li r-risposta għal din ir-realtà ma tistax tkun inqas kooperazzjoni jew inqas djalogu, iżda bil-kontra: aktar ħidma flimkien, aktar alleanzi u aktar kapaċità li nsibu soluzzjonijiet komuni.

Parti sostanzjali mid-diskors tiegħi kienet dwar il-kunflitti li qed jiddominaw ix-xena internazzjonali bħalissa. Fuq l-Ukrajna, erġajt tennejt il-kundanna konsistenti ta' pajjiżna għall-invażjoni Russa u l-pożizzjoni tagħna li kull paċi ġusta u dejjiema għandha tiggarantixxi s-sovranità tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha kif rikonoxxuti internazzjonalment. Għamilt ukoll il-punt li proċess diplomatiku jista' jkun kredibbli biss jekk ikollu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Ukrajna u jkun mibni fuq kundizzjonijiet li jistgħu joħolqu fiduċja fil-proċess ta' paċi.

Tkellimt ukoll fit-tul dwar is-sitwazzjoni fil-Palestina, f'Gaża u fil-Lvant Nofsani b'mod ġenerali, li hija waħda kerha ħafna. Kelli l-opportunità niltaqa' mar-Re tal-Ġordan li rrimarka dwar dak li qed jaraw on the ground, u dawn huma realtajiet koroh ħafna, ħafna u ħafna. Realtajiet ta' tfal li qed ibatu u jgħaddu minn atroċitajiet u tbatijiet li diffiċli tiddeskrivihom, però meta titħaddet ma' min jesperjenzahom on the ground, tifhem kemm id-dinja ma tistax tibqa' siekta.

Għaldaqstant fid-diskors tiegħi tennejt is-sejħa ta' Malta għal aċċess umanitarju sigur, kontinwu u mingħajr ostakli, filwaqt li sħaqt fuq il-ħtieġa għal triq politika li twassal għal soluzzjoni negozjata ta' żewġ Stati. Kif għedt dwar l-Ukrajna u r-Russja, hemmhekk

ukoll il-prospetti mhuma sbieħ xejn. Semmejt ukoll l-importanza li titwaqqaf l-espansjoni tas-settlements illegali u l-vjolenza fil-West Bank, u li jkun hemm awtorità Palestinjana riformata, kredibbli u kapaċi tkun sieħba effettiva fil-proċess ta' paċi.

Sur President, fid-diskors tiegħi mbagħad tkellimt fuq l-intelliġenza artifiċjali. Tema importanti ferm. Il-bidliet profondi u mgħaġġla li qed iġġib magħha huma li huma u stqarrejt b'mod ċar li ħadd m'għandu s-soluzzjonijiet kollha, lanqas il-gvernijiet infushom. Għedt ukoll li huwa kruċjali li nkunu onesti magħna nfusna u nitilqu mill-punt li nirrikonoxxu li m'għandniex is-soluzzjonijiet kollha għall-isfida li ġġib magħha l-AI, fosthom minħabba l-veloċità illi biha qiegħda tiġi din it-trasformazzjoni teknoloġika. Allura filwaqt li hemm ħafna pożittiv, għandek ukoll sfidi ġodda għall-gvernijiet rispettivi, sfidi ġodda għall-konsumaturi u għall-familji, u l-ebda pajjiż ma jista' jindirizzahom waħdu, u għalhekk l-importanza li jkollna approċċ kollettiv. Malta esprimiet l-appoġġ tagħha għal regoli internazzjonali li jkunu kapaċi jsaħħu l-fiduċja pubblika fit-teknoloġija u għal aktar kooperazzjoni globali permezz tal-Global Digital Compact u inizjattivi oħra tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Irbatt ukoll din id-diskussjoni mas-cybersecurity, il-miżinformazzjoni u s-sigurtà tal-infrastruttura kritika, fosthom il-cables taħt il-baħar li pajjiżi bħal Malta jiddependu ħafna minnhom. Sħaqt li f'dinja dejjem aktar diġitali, is-sigurtà ta' pajjiż ma tibqax biss kwistjoni fiżika iżda wkoll waħda teknoloġika.

Tkellimt ukoll dwar il-ħtieġa ta' riforma tan-Nazzjonijiet Magħquda, kif għamilt ukoll mas-Segretarju Ġenerali Guterres. Il-messaġġ tiegħi kien li jekk irridu nerġgħu nibnu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet internazzjonali, dawn iridu jkunu kapaċi jagħtu riżultati

konkreti. Malta tibqa' sostenitur tal-multilateraliżmu, iżda temmen ukoll li s-sistema internazzjonali għandha tkompli tevolvi sabiex tkun aktar effettiva u aktar kapaċi twieġeb għall-isfidi tal-lum.

Fl-aħħar nett, allokajt parti sostanzjali mid-diskors tiegħi għas-suġġett tat-tibdil fil-klima u fakkart fil-kontribut storiku ta' Malta fuq din it-tema. Fakkart kif fl-1967, meta Malta kienet ilha msieħba fin-Nazzjonijiet Magħquda għal ftit inqas minn tliet snin, l-Ambaxxatur tagħna Arvid Pardo ressaq quddiem din l-istess Assemblea, f'diskors li baqa' mfakkar minkejja li ilu tant għexieren ta' snin, l-idea li r-riżorsi tal-oċeani lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali għandhom jitqiesu bħala wirt komuni tal-umanità. Fakkart ukoll kif fl-1988 Malta kienet minn ta' quddiem biex it-tibdil fil-klima, li kien għadu kif beda jerfa' rasu, jiġi rikonoxxut bħala problema globali li teħtieġ soluzzjoni kollettiva.

Għalhekk, Sur President, il-messaġġ li ridt inwassal f'isem Malta kien wieħed ċar: pajjiżna se jibqa' jemmen fil-kooperazzjoni internazzjonali, fid-djalogu u fil-ħtieġa li nibnu mill-ġdid il-fiduċja bejn il-pajjiżi. F'dinja fejn il-kunflitti, it-teknoloġija u t-tibdil fil-klima qed joħolqu sfidi dejjem aktar kumplessi biex tindirizzahom, Malta se tibqa' ssostni li l-ebda pajjiż ma jista' jirnexxi jekk jaġixxi waħdu. U għalhekk għalaqt bil-messaġġ li jekk irridu futur aktar sigur u aktar stabbli, irridu mhux biss nażżardaw noħolmu jew noħolmu aktar ambizzjuż imma lil hinn mill-ħolm imbagħad nafdaw u naħdmu flimkien.

Sur President, dawn l-impenji kollha kellhom għan komuni. Li Malta tibqa' tkun preżenti fejn qed jittieħdu d-deċiżjonijiet internazzjonali, u mhux biss li nkunu preżenti imma li nkunu vuċi fit-teħid ta' dawn id-deċiżjonijiet importanti. Li nwasslu l-pożizzjoni ta'

pajjiżna dwar kwistjonijiet ta' paċi, sigurtà, klima u teknoloġija. Iżda wkoll li nużaw dawn l-opportunitajiet biex insaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi, nattiraw investiment, nuru pajjiżna x'kapaċi joffri, intejbu l-konnettività u nifthu aktar opportunitajiet għal pajjiżna.

Dan huwa l-mod kif ser inkomplu nħarsu lejn il-preżenza internazzjonali ta' Malta, anke billi din il-ġimgħa se nilqgħu ġewwa xtutna konferenza prestiġjuża dwar is-settur tat-turiżmu. L-aqwa mexxejja tal-akbar ditti kollha se jiġu ġewwa pajjiżna biex jitħaddtu dwar dan is-suġġett. Għalhekk, il-preżenza tagħna trid tibqa' tkun għodda biex niddefendu l-prinċipji li nemmnu fihom, iżda wkoll biex niksbu riżultati konkreti fl-aħjar interess tal-poplu Malti u Għawdxi.

Grazzi.